messagg ghall-milied 2008




Il-funzjoni ta' bil-lejl ta' lejliet il-Milied thassret minhabba l-maltemp qalil ta' l-ahhar tlett ijiem. Is-silg u l-borra ksew kullimkien u kull caqliq kien sar impossibli. Silvio tela' fuq biex jara li t-tfal kien rieqda u mgezwra sewwa fil-kutri. Imbaghad nizel isfel biex jaghti daqqa t'id lil martu Ruth halli jippreparaw il-mejda ghall-kolazzjon tal- Milied u jaraw li r-rigali kienu kollha taht is-sigra. B'kollox kien hemm hamsa; tlieta ghal uliedhom u t-tnejn l-ohra, wiehed ghal Ruth u l-iehor ghal Silvio. Meta raw li kollox kien lest u qabdu t-triq ghal fuq, semghu tahbit qasir izda soda. Inhasdu ghax ma basrux li f'dawk il-hinijiet kien ser ikun hemm min jiggerra fit-toroq mimlija silg. Bexxqu ftit il-purtiera u b'ghageb kbir taghhom lemhu li fil-passagg li jaghti ghall-bieb kien hemm is-slitta ta' Father Christmas b'erba criev kbar liema bhalhom. Semghu lil Father Christmas jghid minn wara l-bieb: " Ho ho ho jiena hu Father Christmas ho ho ho." Fethulu u qalulu li huma ma kienux tablu ghal xi rigali u li kellu indirizz zbaljat. Ruth li ratu quddiemha thassritu u stednitu jidhol gewwa biex toffrilu kikkra cikkulata shuna. Father Christmas accetta u fil-waqt li laqa' l-istedina biex joqghod bil-qieghda qalilhom: " Intom ma tlabtunix rigal, izda jiena xorta wahda minn qalbi gibtilkom wiehed ta' veru ghall-Milied ta' veru." Fil-kamra waqa' is-skiet x'him talabhom biex ma jitkellmux ghax ried jghidilhom xi haga ta' importanza kbira. Dak il-hin li

Ruth newwlitlu l-kikkra cikkulata tahraq lemhet xi dmugh igelben ghal fuq haddejh; il-ferh u d-dahqa li s-soltu nafu li jkollu fuq wiccu din id-darba ghabu u kellu dehra ta' dieqa.

B'sentenza qasira u semplici widdibna: "Ghallem lit-tfal x'jigifieri l-Milied."

Lil Silvio u lil Ruth hawwadom xi ftit; x'ried ifisser? Donnu anticipa l-mistoqsija taghhom u b'heffa kbira gab minn wara dahru xkora zghira li minna beda johrog xi affarijiet filwaqt qalilhom: "Ghidu lil uliedkom li Kristu huwa l-vera raguni ta' dan l-istagun."

Huwa hareg sigra zghir tal-Milied kollha mzejna u tixghel bi dwal zghar helwin.



IS-SIGRA TAL-MILIED

"Ghallmu lit-tfal li dak il-kulur ahdar pur tas-sigra sabiha tal-Milied, qatt ma jitbiel, u jfisser it-tama dejjiema tal-bniedem, u li l-quccata tas-sigra dejjem tipponta 'l fuq biex turina li hsibijiet il-bniedem ghandom ikun dejjem lejn is-sema pajjizna.



Mill-ixkora tieghu, issa hareg KEWBA

"Ghallmu lit-tfal li l-kewba kienet is-sinjal ta' weghda li Alla ghamel mal-bniedem hafna u hafna snin ilu. Alla wieghed Salvatur lill-bniedem u zamm kelmtu u l-kewba kien sinjal ta' dan.



Mill-gdid dahhal idejh u hareg XEMA TIXGHEL

"Ghallmu lit-tfal li x-xema tirrapresenta lil Kristu bhala d-dawl tad-dinja u meta naraw dawl id-dawl kbir niftakru f'dak li jkecci d-dlamijiet.

Imbaghad huwa wriehom GIRLANDA



Qallihom: "Ghallmu lit-tfal li l-Girlanda tfisser il-vera natura ta' l-imhabba. Imhabba vera qatt ma tmut. Imhabba vera hija cirku tond ta' affezzjoni."



Wara kien imiss li johrog xbieha tieghu iniffsu :SANTA KLAWS.

"Ghallmu lit-tfal li jiena San Nikola jew ahjar Santa Klaws nirrapresenta l-generosita' u t-tjubija li lkoll nhossu tul ix-xahar ta' Dicembru. Nesprimuha bis-solidarjeta taghna mal-batut u l-isfortunat".

Imbaghad huwa hareg KAXXA TAR-RIGAL



"Ghallmu lit-tfal li Alla tant habb lid-dinja li ta l-uniku Iben Tieghu biex isalva lid-dinja. Grazzi lil Alla ghal dan ir-rigal tant sabih.

"Ghallmu lit-tfal li dawk it-tlett reijiet baxxew rashom b'qima quddiem it-tarbija Gesu' u tawh ir-rigali tahom, deheb, incens u mirra. Ahna bhalhom irridu noffru r-rigali taghna lil Alla bl-istess spirtu ghal dak li kontinwament jaghmel maghna.



Uriehom wkoll il-pjanta tal-werqa zghira hadra bil-frott irqieq ahmar.

Qallihom :"Ghallmu lit-tfal li din il-pjanta tfisser l-immortalita'. Tirrapresenta il-kuruna tax-xewk ta' l-imghallem taghna Gesu' Kristu. Il-frotta hamra tirrapresenta d-Demm prezzjuz tieghu li hu xerred ghalina."

Santa imbaghad hareg BASTUN TAL-HELU mill-barzakka tieghu u dendlu mas-sigra.



"Ghallmu lit-tfal li dan il-bastun tal-helu jirrapresenta l-bastun tar-rghaj," u kompla, " Il-bastun iservi biex ir-rghajj jigbed mill-gdid fil-merhla tieghu kull nghaga li tkun harbitlu. Ifakkarna wkoll li ahna ghandu jinteressa l-gid ta' ghajrna u ghalhekk inkunu ta' gwida ghalih."



Ghal ahhar darba huwa fittex fil-barzakka kwazi vojta u minnha gibed ANGLU.

"Ghallmu lit-tfal li kienu l-Angli li wasslu l-ahbar glorjuza tat-twelid tal-Messija. Huma kantaw ' Glorja lil Alla fil-gholi tas-smewwiet u paci fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba.

Ma' l-anglu hareg ukoll QAMPIENA.



"Ghallmu lit-tfal li hekk kif in-nghag il-mitlufa jinstabu permezz tal-hoss tal-qampiena, hekk ukoll il-hoss taghha ghandha tqarreb lil umanita lejn il-merhla ta' Kristu. Il-

qampiena tissimbolizza gwida tajba. "

Santa Klaws deher li kien kuntent biz-zjara li ghamlilhom F'ghajnejn lemhu l-ferh. Halliehom bl-ahhar messagg:

" FTAKRU, GHALLMU LIT-TFAL IL-VERU TIFSIRA TAL-MILIED. QATT TQEGHDUNI FIC-CENTRU TA' DIN IL-FESTA GHALIEX JIENA MA NHIEX HLIEF QADDEJ UMLI TAL-MULEJ, ALLA TAGHNA LI LILU JIENA NQIM U NADURA."

"Ghallem lit-tfal! Ghallem lit-tfal!
Ghallimhom it-tifsira antika tal-Milied.
It-tifsira tal-Milied li l-lum intnesiet.